**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' April, 2002**

**Numru 27**

**Avviz. numru 693/01JR**

**Elton Azzopardi**

**vs**

**Dedicated Micros Malta Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-9 ta' Awissu, 2001 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560.00) jew somma verjuri, rapprezentanti din is-somma tmien (8) gimghat "notice" wara li l-attur gie mkecci mill-impieg li kellu mas-socjeta` konvenuta minghajr ma nghata n-"notice" skond il-Ligi;**

**Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta b'kontro-talba tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta' Settembru, 2001, fejn intqal:**

i. **illi fl-ewwel lok, t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta` konvenuta;**

ii. **Illi l-attur qatt ma gie mkecci mis-socjeta` konvenuta, izda kif jista' jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza, ffirma n-notice form b'effett mill-14 t'April, 2001, minn jeddu stess;**

iii. **Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma cahdet lill-attur milli jahdem in-notice tieghu kif rikjest minnu skond il-Ligi, izda kien l-attur stess li rrifjuta li jaghmel dan;**

iv. **Lli ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.**

**Ra l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fejn intqal illi minghajr pregudizzju ghat-tilwima li qed tigi kontestata, is-socjeta` konvenuta tablet lill-attur ihallas is-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) jew somma verjuri, rapprezentanti erba' (4) gimghat "notice" dovut mill-attur bhala nofs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz, u dan wara li l-istess attur naqas milli jahdem in-notice tieghu meta ttermina l-impieg tieghu fl-14 ta' April, 2001;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata mill-attur fit-28 ta' Settembru, 2001, fejn intqal illi m'huwiex minnu illi l-attur temm minn jheddu l-impieg tieghu. Kienet is-socjeta` konvenuta illi temmitlu l-impieg kif diga gie premess u huwa gie kostrett jiffirma formola tan-notice f'April, 2001, meta gie mhedded illi jew jaghmel dan jew inkella l-kumpanija kienet ser tohroglu certifikat hazin u inveritier dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg.**

**Semgha x-xhieda ta' Elton Azzopardi, Jason Vella, Konrad Attard, Stephen Muscat. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **F'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta' tmien gimghat "notice money" wara li hu gie allegatament imkecci mill-impieg. Saret kontro talba ghall-hlas ta' erba' gimghat "notice" dovut mill-attur bhala nofs il-paga meta allegatament l-attur ttermina l-impieg tieghu. Il-vertenza ghalhekk tirrisolvi ruhha dwar kif spicca mill-impieg l-attur.**
2. **Jirrizulta li fis-6 ta' April, 2001, l-attur kien dahal ghax-xoghol, u skond hu kien qed isib hafna xoghol hazin, u ghalhekk kellu iqum spiss minn postu biex jirranga ix-xoghol hazin. Skond l-attur kien avvicinah Konrad Attard li infurmah li l-Manager Jason Vella, kien qal li qed jiskarta. L-attur jghid li spjegalu li kien qed jahdem u mhux jiskarta. Sussegwentement il-Manager sejjahlu fl-ufficju, u infurmah li**

**kien ser ikollu lil Konrad Attard *supervisor* fuqu, u l-attur jghid li m'accettax dan. Skond l-attur meta hu informa lill-Manager li ma kienx qed jaccetta dan, intqal lilu li jekk ma jaccettax seta' jitlaq il-barra. L-attur rega' qallu li ma jaccettax, u ghalhekk intbaghat il-barra. L-attur offenda lill-manager u telaq il-barra. Wara l-istess attur cempel biex jiskuza ruhhu, u l-attur jghid li ntwerew lilu zewg karti, wahda li tkecca minhabba kondotta hazina, u ohra li telaq minn jeddu. L-attur iffirma li telaq minn jeddu. Ghandu jigi innutat f'dan il-kuntest li l-attur ried jiehu parir, pero` Vella qallu: "Jew issa jew xejn."**

3. **Jason Vella, production Manager mas-socjeta` konvenuta xehed li lill-attur sikwit gibdulu l-attenzjoni fuq affarijiet, u inghata twissija, u kien hemm rapport fuqu li qed itellef il-produzzjoni. Dan ir-rapport sar minn Konrad Attard, li hu supervisor. Vella jikkonferma li qallu joqghod ghall-ordnijiet ta' Attard jew jitlaq. F'dak l-istadju itterminalu verbalment l-impieg.**

4. **Dwar l-avviz ta' terminazzjoni ta' impieg it-Tribunal qed jirreferi ghall-Artikolu 34 (5) tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi hekk:**

> **"Minkejja kull ftehim kuntrarju, avviz tat-temm ta' impieg li jkun bi hsiebu jaghmel il-principal jew l-impjegat taht kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limiti, ghandu jkun tat-tul bhal ma jinghad hawn**

**izjed 'il quddiem, jekk l-impjegat kien ilu fl-impieg ta' l-istess principal kontinwament:……**

**(b) ghal izjed minn sena izda mhux izjed minn sentejn……..gimghatejn."**

**Filwaqt li l-Artikolu 34(10) ta' l-istess Kap. 135 jiddisponi li:**

**"Jekk impjegat taht kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limiti jonqos li jaghti avviz kif inghad hawn qabel, huwa jkun suggett li jhallas lill-principal somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta' l-avviz……"**

**F'certi cirkostanzi impjegat ghandu l-fakulta` li jitlaq mill-impieg minghajr ma jaghti avviz: F'dan ir-rigward l-Artikolu 34(14) tal-Kap.135 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li:**

**"Hemm x'hemm fid-disposizzjonijiet ta' hawn qabel f'dan l-artikolu, principal jista' jibghat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-principal, minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikolu (10),(11) u (12) jekk ikun hemm raguni**

**tajba u bizzejjed biex dak l-impjegat jintbaghat jew jitlaq is-servizz…..”**

5. **Mill-provi jirrizulta li kien hemm nuqqas serju da parti ta’ l-attur meta dan irrifjuta li jobdi id-direttiva tal-Manager, dwar liema persuna ikollu bhala supervisor tieghu. F’dan il-kaz l-attur ma accettax li joqghod that is-supervisor Attard, u konsegwentement ghazel li jitlaq mill-impieg.**
6. **Dwar l-iffirmar tal-formula fejn jinghad li telaq minn jeddu, din tirrifletti l-istat tal-fatti kif fil-fatt kienu. Ghalhekk fic-cirkostanzi l-attur ma jistghax jitlob il-hlas tan-“notice money”.**
7. **Dwar il-kontro-talba ghas-somma ta’ mitejn u tmenin lira Maltija (Lm280.00) jew somma verjuri, rapprezentanti erba’ (4) gimghat “notice” dovut mill-attur bhala nofs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien ta’ l-avviz, it-Tribunal innota li l-attur xehed li kien jiehu f’idejh tmienja u sittin lira fil-gimgha, pero` m’hemmx prova konklussiva dwar l-ammont li kien jaqla sabiex ikun jista’ jinhadem l-ammont ta’notice money dovut. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal qed jichad il-kontro-talba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddeciedi billi jichad it-talba attrici kif ukoll il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta.**

**Ic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**